# Leħen is-Soċjetà Mużikali
# San Lawrenz
*Belt Vittoriosa A.D. 1883*



#ilbandatalbirgu

Ħarġa Nru. 144

LULJU 2026

Welcome to BeBirgu!

BeBirgu

BeBirgu is Birgu's newest place to be!
Situated in the completely renovated
SAN LAWRENZ Band Club at the Victory Square.

BeBirgu welcomes you every day of the year
for drinks and great food
served in a European Brasserie setting
with a nice lounge style open air patio.

BeBirgu, San Lawrenz Band Club
Victory Square, Birgu
Tel: 77220077 | E-mail: Ed@bebirgu.com



Olde City Pub

Olde City Pub
is the Best
Restaurant, Take Away & Pizzeria

Prop. Michael Darmanin

99, St Lawrence Street, Vittoriosa
Tel: 21 663 614

**Fava Woodworks Co. Ltd.**
KW 17B, Corradino Industrial Estate, Paola
Tel: 2182 7650

*Manufacturers of all types of Wooden Mouldings*

***Showrooms at the Factory and***
***80, St. Joseph High Road, Ħamrun***

**SPECIAL PRICES FOR FURNISHED FLATS OWNERS**

N your events & weddings caterer

SALES@NERIKU.COM 2166 0505



## Il-Kelma tal-President

*Bjorn Callus*

Mill-Għid il-Kbir 'il quddiem, dejjem nqis dan il-perjodu b'mod wieħed: countdown għall-Festa. Tibda tersaq l-Ewwel Erbgħa, jibda l-armar fit-toroq u jidħlu fl-eqqel tagħhom l-aħħar preparazzjonijiet u t-tlestija ta' dak kollu li jsir fil-perjodu tal-Festa ta' San Lawrenz. Din is-sena mhijiex b'inqas, fejn apparti l-affarijiet tas-soltu bħall-armar tal-każin, tajna ħafna ħin lill-Programm Mużikali tas-7 ta' Awwissu. 'Vittoriosa in Festa' ta' din is-sena ser tintroduċi kunċetti ġodda u differenti minn dawk tas-snin li għaddew, u nittama li dawn jinżlu tajjeb ma' dawk kollha li jattendu għalih fil-pjazza prinċipali ta' Beltna.

Imma apparti dan, irrid insemmi l-ammont ta' xogħol u proġetti li hemm għaddejjin fil-każin bħalissa, grazzi wkoll għad-diversi fondi li t-tim li jieħu ħsieb dawn irnexxielu jikseb b'suċċess. Filwaqt li s-Sala tal-Kunċerti, il-kuritur tan-naħa ta' wara u l-Kamra tal-Kumitat ingħataw dehra ġdida, fl-aħħar beda wkoll ix-xogħol fuq il-bini ta' strutturi żgħar fuq il-bejt sabiex inkomplu nagħmlu lil Palazzo Huesca aktar aċċessibbli. Dan il-proġett imur id f'id mal-proġett tal-lift, li issa definittivament ser ikun qed isir kif dejjem kien ippjanat. Barra minn hekk, ninsabu fil-fażi preparatorja għall-proġett kbir ieħor, dak tar-restawr tal-bitħa. B'hekk inkunu qed nassiguraw li nieħdu ħsieb il-wirt storiku u arkitettoniku ta' din il-ġawhra ta' palazz.

Flimkien ma' dan, kompla x-xogħol normali amministrattiv, bandistiku u mużikali ġewwa s-Soċjetà tagħna. U hawn ma nistax ma nsemmix il-prestazzjoni li tat il-Banda fil-Festi tal-Ġimgħa l-Kbira u tal-Għid il-Kbir, fejn bla dubju l-Banda Vittoriosana San Lawrenz tat ġieħ lill-Belt Glorjuża tal-Birgu. Dan kollu wkoll jibqa' rifless fis-servizzi li l-Banda għandha matul is-sajf ta' din is-sena, fejn anke bi pjaċir inħabbar li l-Banda ser tirritorna f'Għawdex, ġewwa x-Xagħra, nhar is-Sibt 5 ta' Settembru. Barra minn hekk, il-Banda kompliet tissaħħaħ b'diversi bandisti ġodda oħra, frott il-Vittoriosa Kids Music Centre u l-għalliema abbli li għandna f'dan iċ-Ċentru. Awguri u prosit mill-qalb għal dan il-pass importanti fil-karriera mużikali tagħkom.



Bejn April u Mejju, il-Kummissjoni Billiard organizzat skambju mal-Każin t'Għajnsielem. F'dan l-iskambju, numru ta' plejers tas-snooker f'isem is-Soċjetà marru jilagħbu Għawdex, biex imbagħad sar ir-reċiproku fis-Sala tal-Billiard tagħna. Inizjattiva mill-isbaħ li, apparti li dawk kollha li lagħbu kienu ambaxxaturi denji tas-Soċjetà, tkompli tkattar l-imħabba lejn dan l-isport u lejn il-każin tagħna. Fil-fatt, verament nirringrazzja lill-imħuħ wara dawn l-iskambji għaliex, flimkien mal-kompetizzjonijiet li jiġu organizzati, jidher ċar li l-interess qed ikompli jiżdied.

Fil-jiem li ġejjin ser inkunu qed niċċelebraw il-Festa ta' San Lawrenz. L-appell tal-armar tas-Soċjetà ntbagħat, u nixtieq nirringrazzjakom tas-sostenn li qed turu. Fl-istess waqt, inħeġġeġ lil dawk li għadhom ma tawx il-kontribuzzjoni tagħhom biex jagħmluha. Dan jimliena b'kuraġġ sabiex inkomplu nieħdu deċiżjonijiet favur il-futur tal-festa tagħna, kif għamilna aktar kmieni din is-sena billi dħalna għas-servizzi kollha tal-Festa, li jammontaw għal tmien servizzi. Dan nagħmluh għax il-Festa ta' San Lawrenz hija l-aktar appuntament importanti għalina, u għaliex il-każin huwa parti integrali mill-Festa ta' San Lawrenz. Fuq kollox, l-imħabba tagħna lejn il-qaddis patrun tagħna, kif ukoll lejn dak kollu li hu tal-Birgu, hija bla qies.

Nappella biex flimkien niċċelebraw festa mill-aqwa, festa xempju tal-festi Maltin mingħajr provokazzjonijiet żejda. Fuq kollox, ejjew ngawdu l-mument li niltaqgħu flimkien u niċċelebraw flimkien. Minn qalbi nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd.

## Werrej

Il-Kelma tal-President.....................p.3
Messaġġ mis-Segretarju..................p.5
Sena ta' Proġetti u Impenn Kontinwu..p.6
Dawn huma t-Teżori tal-Knisja....p.10
Servizzi tal-Banda 2026................p.11
Programm tal-Festa
San Lawrenz 2026........................p.12
Bandisti Ġodda.............................p.13
Innu lil San Lawrenz tal-kompożitur
Mario Cerilli.................................p.14
Frédéric Chopin............................p.15
85 Sena mit-Traġedja
tas-16 ta' Jannar 1941...................p.17
Wiċċ Imbwiċċ ma'
Christian Sammut.........................p.20

***Editur***
Adrian Vella

***Riklami***
John Attard
Simon Farrugia

**Proof Reading**
Adrian Vella

***Ritratti***
Melvin Degiorgio
Noel Gauci
Lawrence Parascandolo
Elton J. Randich
Gabriel Treeby Coleiro
Andre Xuereb
Pierre Balzia

**Ritratt Faċċata**



*Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz b'kunċert fil-Bażilika ta' San Lawrenz ġewwa Huesca waqt il-ġita storika li għalqet il-Festi tal-1800 sena mit-twelid tal-patrun tagħna.*

**Stampat**

BONNICI'S PRESS Est. 1924

36, Triq San Pawl, Valletta
Tel: 2122 4607 Mob: 9987 0603
E-mail: emibonnici@gmail.com

MIRACLE
FOODS

# MAKE IT A SIZZLING SUMMER



# Messaġġ mis-Segretarju

*minn Simon Farrugia*

Għeżież Vittoriosani,

Wasalna għal Festa oħra f'ġieħ il-Patrun tal-Belt tagħna San Lawrenz. Festa li għal darb'oħra ser tkun qed tikkonferma l-Qawwa Palmiża. Kemm aħna Uniċi f'kollox.

Wara sena ħidma ninsabu lesti biex niċċelebraw il-Festa tal-Birgu. Din hija l-qofol tal-ħidma tagħna iżda wieħed irid iżomm f'moħħu li l-Każin tal-Banda huwa attiv is-sena kollha.

Fil-fatt jiena naqsam il-ħidma tagħna fuq żewġ binarji, dik soċjali u dik bandistika. U t-tnejn li huma fihom impenn kbir.

Palazzo Huesca huwa ċ-ċentru tal-attività matul is-sena kollha, 365 ġurnata. M'hemmx ġurnata li l-Palazz tagħna l-Vittoriosani jkun magħluq. Tmur meta tmur fil-qalba ta' Beltna, jiġifieri fil-Pjazza ewlenija, issib lill-każin tagħna mimli attività. U apparti l-operat kummerċjali hemm ukoll il-post li l-membri tant jiffrekwentaw, is-Sala tal-Billiard. Minn kmieni filgħodu tara nies ta' kull età jilagħbu din il-logħba tant sabiħa filwaqt li jgħidu xi kelma flimkien. Kien għalhekk li l-Kumitat qatt ma ddejjaq jinvesti f'din is-Sala u nassigurakom li ser jkompli jinvesti.

U jekk indawru ħarsitna lejn dak li verament tirrappreżenta s-Soċjetà tagħna, hawn fejn inkomplu neċċellaw u bil-kbir. Tagħlim mużikali ta' kwalità u skola ta' mużika organizzata b'xejn anqas minn sitt għalliema mużikali, żewġ *guest conductors* tal-post u Surmast Direttur. Dan li jagħmilna differenti minn ħaddieħor. Għax qatt ma' bżajna ninvestu. B'hekk għandna numru kbir ta' allievi u bandisti tal-post. B'hekk din is-sena ser inkunu qegħdin nilqgħu magħna żewġ bandisti oħra li ser joħorġu jdoqqu għall-ewwel darba mal-Banda. Għalhekk aħna Uniċi.



Is-sajf b'mod partikolari jilħaq il-qofol b'diversi servizzi mużikali fil-festi tal-Ibliet u rħula Maltin. Din is-sena naqas is-servizz ta' San Ġużepp fil-Kalkara iżda dan ġie sostitwit b'servizz ta' kwalità f'waħda mill-aqwa festi fil-gżira Għawdxija, dik ta' Marija Bambina fix-Xagħra.

Minbarra dawn hemm is-servizzi ta' matul il-Festa li jlaħħqu tmienja. Bil-qofol ikun nhar is-7 ta' Awwissu bil-Programm *'Vittoriosa in Festa'* li jsir fil-Pjazza tal-Belt Vittoriosa fuq il-Planċier Artistiku tal-Banda. Din is-sena ser ikollna programm speċjali hekk kif ser ikollu laqta internazzjonali. Fil-fatt bi pjaċir mal-Banda ser jingħaqad is-sassofonist ta' fama internazzjonali, t-Taljan Luigi Zimmitti. Dan minbarra l-parteċipazzjoni tad-DJ Vittoriosan Luca Lorenzo, kantanti u animazzjoni oħra. B'hekk aħna differenti għax dejjem naraw kif nistgħu nkunu innovattivi. Dan jagħmilna Uniċi.

Mela ejjew flimkien niċċelebraw kif jixraq il-Festa tal-Patrun tagħna fix-xahar dedikat lilu, Awwissu, ix-xahar ta' San Lawrenz. L-10 t'Awwissu, il-jum li dejjem niċċelebraw dan il-qaddis kbir.

Minn qalbi nawgura l-Festa t-Tajba lill-Vittoriosani kollha.

Kun ġeneruż fil-ġabra li ssir
mis-Soċjetà Mużikali San Lawrenz Belt Vittoriosa
matul il-ġranet tal-Festa.
L-għotja tiegħek tkompli tgħin sabiex inkomplu
nkabbru isem is-Soċjetà u l-Banda tal-Birgu.

**Grazzi mill-qalb**

# Sena ta' Proġetti u Impenn Kontinwu fis-Soċjetà Mużikali San Lawrenz

*Miktub mill-Assistent Segretarju Adrian Vella*

Il-frott tal-impenn u d-dedikazzjoni dejjem jispikka maż-żmien, u dan jidher b'mod ċar meta nħarsu lura lejn is-sena li għaddiet. Kienet sena tassew impenjattiva għas-Soċjetà Mużikali San Lawrenz, mimlija inizjattivi, ħidma kontinwa u kisbiet li jixhdu l-viżjoni u l-għaqal ta' dawk kollha involuti. B'determinazzjoni u sens qawwi ta' responsabbiltà lejn il-wirt tagħna, is-Soċjetà kompliet tinvesti fil-preservazzjoni u t-tisħiħ ta' Palazzo Huesca, biex dan jibqa' mhux biss simbolu ta' identità iżda wkoll spazju ħaj għall-komunità.

Fl-istess waqt, ma naqsitx l-attenzjoni lejn l-iżvilupp mużikali, li jibqa' fil-qalba tal-missjoni tas-Soċjetà. Permezz ta' ħidma kostanti u impenn kontinwu, komplew jitrawmu talenti ġodda u jissaħħaħ il-livell, sabiex il-wirt mużikali jibqa' jikber. Dan il-bilanċ bejn il-ħarsien tal-patrimonju u l-promozzjoni tal-mużika ikompli jagħti direzzjoni ċara u soda ta' fejn is-Soċjetà tixtieq tasal.

**Proġetti**
Matul din is-sena, il-każin kompla jwettaq għadd ta' inizjattivi u interventi li komplew isaħħu kemm il-faċilitajiet kif ukoll il-patrimonju tas-Soċjetà. Fost dawn nistgħu nsemmu l-pubblikazzjoni tal-libretti l-ġodda tal-marċi brijużi, sett ġdid ta' standardi għall-użu matul is-sena, fuq inizjattiva tas-Sur Noel Gauci, filwaqt li ċ-ċfuf tagħhom ġew maħduma mis-Sur Albert Borda. Saru wkoll erba' bnadar ġodda fuq tfassil u ħjata ta' Doris u Toni Callus.

Wieħed ma jistax ma jsemmix il-proġett importanti li twettaq fis-Sala tal-Kunċerti, li kien iffinanzjat permezz tal-Community Development and Innovation Scheme, amministrata mis-Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ, Riċerka u Innovazzjoni. Dan il-proġett kien jinkludi l-installazzjoni ta' sistema professjonali ta' sound. Fl-istess sala, permezz tal-istess skema, tqiegħed ukoll parquet ġdid, filwaqt li l-istess intervent sar fil-kamra tal-kumitat, flimkien ma' mejda u siġġijiet ġodda. Ġie restawrat wkoll il-fireplace storiku mis-Sur Anthony Farrugia. Fil-bidu tas-sena, inbidel ukoll il-pannu taż-żewġ imwejjed tas-Snooker, kif ukoll qed isir xogħol ta' restawr fuq diversi bankijiet f'din is-sala. Matul is-sena twettaq ukoll xogħol ta' żebgħa f'diversi partijiet tal-każin bħat-taraġ ta' wara, u fuq inizjattiva tas-Sur Noel Gauci, komplew isiru il-purtieri ġodda għal matul is-sena biex b'hekk Palazzo Huesca kompla jissebbaħ u jinżamm fl-aqwa kundizzjoni.

Is-Soċjetà kompliet tinvesti wkoll fit-tagħlim u l-formazzjoni taż-żgħażagħ permezz tal-fondi tal-Aġenzija Żgħażagħ mill-iskema It-Taħriġ Mużikali għaż-Żgħażagħ fil-Każini tal-Banda, li qed jgħinu sabiex jitkomplew u jissaħħu l-programmi edukattivi offruti lill-istudenti tal-Vittoriosa Kids Music Centre.



Wara snin ta' stennija, fl-aħħar beda x-xogħol fuq il-proġett tal-lift, wara li s-Soċjetà kienet kisbet il-finanzjament meħtieġ mill-Fondazzjoni Kottonera. Bħalissa għaddej il-bini ta' kamra fuq il-bejt li se tintuża bħala faċilitajiet sanitarji, fejn din il-parti tal-proġett qed tkun parzjalment finanzjata mill-iskema Festi Inklussivi, filwaqt li huwa ppjanat li f'Novembru jitkompla x-xogħol bl-installazzjoni tal-lift sabiex il-proġett jitlesta u jibda jintuża. Dan l-investiment se jwassal għal titjib sostanzjali fl-aċċessibbiltà tal-każin.
Matul din is-sena s-Soċjetà rnexxielha wkoll tikseb fondi għall-proġett ta' restawr tal-bitħa permezz tal-Community Support Scheme, immexxija mill-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat, Proġett ieħor li għandha s-Soċjeta` fuq bażi mużikali, hu dak tal-Konkors tal-Marċi Funebri, wara li nkiseb il-finanzjament permezz tal-iskema Wirt Artistiku amministrata mill-Kunsill Malti għall-Arti.

Sfida oħra li kellna nindirizzaw matul din is-sena kienet il-planċier. Wara l-proġett ta' tisbiħ tal-pjazza, kien meħtieġ li jsiru xi aġġustamenti żgħar sabiex jiġi żgurat li waqt l-armar ma jinqalgħux problemi ta' livellar. Fl-istess waqt ittieħed kejl preċiż fid-dawl taz-zokklatura l-ġdida li trid issir. Huwa mistenni li sal-festa ta' din is-sena tkun tlestiet parti mill-wiċċ il-ġdid. Sadanittant, il-Kumitat qed jaħdem bla waqfien biex jinstab maħżen adegwat għall-planċier, peress li dak preżenti ma jistax jibqa' jintuża.

Fl-istess waqt għaddej ukoll ix-xogħol fuq pavaljun artistiku tal-bellus, imżejjen b'disinn irrakmat bid-deheb, li se jintrama fil-gallarija tal-faċċata tal-każin matul il-ġranet tal-festa. Id-disinn ta' dan il-pavaljun huwa xogħol tas-Sur Silvio Pace.

**Sena ta' Attivitajiet**

**Ġunju 2025**
Il-Ħadd, 15 ta' Ġunju 2025, il-Banda Vittoriosana San Lawrenz ħadet sehem waqt il-purċissjoni li wasslet lit-tfal tal-Ewwel Tqarbina miċ-Ċentru tad-Duttrina sal-Knisja Parrokkjali.

Is-Sibt, 21 ta' Ġunju 2025, bandisti mill-Banda Vittoriosana San Lawrenz daqqew fanfarra waqt il-purċissjoni ta' Corpus Domini organizzata mill-

Komunità Dumnikana.

Il-Ħadd, 22 ta' Ġunju 2025, il-Banda Vittoriosana San Lawrenz bdiet bis-servizzi ta' stedin f'festi oħra fir-Rabat Malta għall-festa ta' Corpus Domini, fejn sar marċ u akkumpanjament tal-purċissjoni solenni.

Il-Ġimgħa, 27 ta' Ġunju 2025, il-Banda Vittoriosana San Lawrenz ħadet sehem bid-daqq ta' innijiet waqt il-purċissjoni ta' Qalb ta' Ġesù organizzata mill-Parroċċa ta' San Lawrenz fil-Birgu.

Is-Sibt, 28 ta' Ġunju 2025, il-Banda Vittoriosana San Lawrenz għamlet servizz mużikali ta' stedin ġewwa festi oħra, din id-darba fl-okkażjoni tal-Festa tal-Qalb Bla Tebgħa ta' Marija ġewwa Burmarrad. Il-Banda għamlet marċ qasir u wara programm mużikali fuq iz-zuntier tal-knisja taħt id-direzzjoni ta' Mro. Jonathan Abela.

**Lulju 2025**
Il-Ġimgħa, 11 ta' Lulju 2025, membri mill-Kumitat attendew għall-Programm Mużikali mtella' mill-Banda San Ġużepp fil-Kalkara.

It-Tlieta, 15 ta' Lulju 2025, membri mill-Kumitat attendew għall-Programm Mużikali mtella' mill-Banda Sagra Familja fil-Kalkara.

Is-Sibt, 19 ta' Lulju 2025, membri mill-Kumitat attendew għar-riċeviment organizzat mill-Banda Queen Victoria fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna tal-Karmnu fiż-Żurrieq.

Il-Ħadd, 20 ta' Lulju 2025, il-Banda Vittoriosana San Lawrenz fetħet l-impenji tagħha f'Lulju b'servizz ġewwa l-Kalkara fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Ġużepp. Wara li sar marċ qasir, segwa l-akkumpanjament tal-ħruġ tal-purċissjoni u wara programm mużikali taħt id-direzzjoni ta' Mro Jonathan Abela. Il-Ħamis, 24 ta' Lulju 2025,

Il-Ħamis 24 ta' Lulju 2025, il-Banda Vittoriosana San Lawrenz reġa' kellha impenn ieħor ta' servizz mużikali. Din id-darba servizz ta' marċi brijużi ġewwa ż-Żurrieq għall-Festa tal-Madonna tal-Karmnu.

Il-Ħadd, 27 ta' Lulju 2025, il-Banda Vittoriosana San Lawrenz għamlet programm mużikali fil-pjazza ewlenija ta' Raħal Ġdid għall-festa ta' Kristu Re.

L-Erbgħa, 30 ta' Lulju 2025, membri mill-Kumitat attendew għall-Programm Mużikali 'Laudate Pueri' mtella' mill-Orkestra Levita Martri fil-Parroċċa ta' San Lawrenz fl-okkażjoni tal-1800 it-twelid ta' San Lawrenz.

L-Erbgħa, 30 ta' Lulju 2025, membri mill-Kumitat attendew għall-quddiesa tal-aħħar Erbgħa ta' San Lawrenz kif ukoll għaċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni tax-xogħlijiet ta' restawr fuq il-bradella u l-pedestall tal-istatwa titulari ta' San Lawrenz.

Il-Ħamis 31 ta' Lulju 2025, sar l-ewwel servizz tal-banda fl-okkażjoni tal-festa titulari ta' San Lawrenz. Il-Banda daqqet l-innijiet waqt il-ħruġ l-istatwa Titulari ta' San Lawrenz u wara sar il-marċ tradizzjonali tal-Mota tan-Novena.

**Awwissu 2025**
Il-Ġimgħa, 1 t'Awwissu 2025, l-allievi u l-bandisti tal-post animaw il-Quddiesa tan-Novena, u wara l-banda għamlet marċ għall-Festa Tfal bl-istatwa ta' San Lawrenz u t-tlugħ fuq il-kolonna biswit il-knisja.

Il-Ħadd, 3 ta' Awwissu 2025, sar ir-Riċeviment tal-Festa f'Palazzo Huesca għall-mistiedna distinti, membri u benefatturi tas-Soċjetà.

It-Tlieta, 5 ta' Awwissu 2025, saret l-ikla tal-festa organizzata mis-Soċjetà Mużikali San Lawrenz għand l-Old City Pub and Restaurant.

Il-Ħamis, 7 ta' Awwissu 2025, il-Banda Vittoriosana San Lawrenz għamlet marċ minn Triq il-Mina l-Kbira sal-Pjazza tal-Belt Vittoriosa fejn imbagħad esegwixxit il-Kunċert 'Vittoriosa in Festa' bit-tema 'Nostalgia' bis-sehem ta' diversi kantanti u animazzjonijiet grafiċi.

Il-Ġimgħa, 8 ta' Awwissu 2025, il-Banda Vittoriosana San Lawrenz akkumpanjat bil-marċi brijużi l-istatwa ta' San Lawrenz jagħti d-dawl lill-għomja mat-toroq prinċipali tal-Birgu fejn imbagħad sar it-tlugħ fuq il-kolonna fost l-entużjażmu tal-partitarji Palmiżi.

Is-Sibt, 9 ta' Awwissu 2025, il-Kummissjoni Banda organizzat buffet breakfast għall-bandisti, membri u partitarji tas-Soċjetà.

Wara il-Banda Vittoriosana San Lawrenz għamlet il-marċ tradizzjonali tat-Te Deum fost il-briju tal-partitarji Palmiżi.

Il-Ħadd, 10 ta' Awwissu 2025, Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz għamlet marċ minn quddiem Palazzo Huesca madwar it-toroq tal-Belt Vittoriosa f'Jum l-Għid ta' San Lawrenz. Kif il-marċ wasal fil-pjazza tqegħdu kuruni ta-rand quddiem l-istatwa ta' San Lawrenz.



Wara l-membri tal-kumitat attendew għall-Pontifikal Solenni tal-Festa Liturġika ta' San Lawrenz fil-Kolleġġjata tal-Birgu.

It-Tnejn, 11 ta' Awwissu 2025, il-Banda Vittoriosana San Lawrenz akkumpanjat l-istatwa ta' San Lawrenz jagħti d-dawl lill-għomja fil-marċ tradizzjonali tal-għada tal-festa.

Is-Sibt, 23 ta' Awwissu 2025, membri mill-Kumitat attendew għar-riċeviment organizzat mill-Banda Prince of Wales Own fl-okkażjoni tal-festa ta' San Duminku fil-Birgu.

**Settembru 2025**
It-Tnejn, 1 ta' Settembru 2025, membri mill-Kumitat attendew għar-riċeviment organizzat mill-Banda La Vincitrice tal-Isla fl-okkażjoni tal-festa.

Il-Ġimgħa, 5 ta' Settembru 2025, membri mill-Kumitat attendew għall-kunċert vokali u strumentali organizzat mill-Banda La Vincitrice tal-Isla.

Is-Sibt, 6 ta' Settembru 2025, il-Banda Vittoriosana San Lawrenz għamlet marċ flimkien mal-Banda Prince of Wales Own mat-toroq tal-Birgu waqt l-attività minn Pjazza għal Pjazza.

It-Tnejn, 8 ta' Settembru 2025, il-Banda Vittoriosana San Lawrenz għamlet servizz mużikali ieħor, din id-darba fl-okkażjoni tal-Festa ta' Maria Bambina ġewwa l-Isla. Il-Banda akkumpanjat il-purċissjoni mix-xatt tal-Isla sad-dħul tagħha fil-Bażilika Sengleana.

Il-Ġimgħa, 19 ta' Settembru 2025, saret ikla fil-Każin bħala ringrazzjament lil dawk kollha b'xi mod jew ieħor kienu ta' sostenn u għajnuna fil-ġranet tal-festa.
Is-Sibt, 20 ta' Settembru 2025, il-Banda Vittoriosana San Lawrenz għamlet servizz mużikali fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Leonardu ġewwa Ħal Kirkop. Il-Banda kienet taħt id-direzzjoni ta' Mro Jonathan Abela.

**Ottubru 2025**
Il-Ħadd 5 ta' Ottubru 2025, il-Banda Vittoriosana San Lawrenz daqqet mill-faċċata ta' Palazzo Huesca waqt il-programm Bonġu Malta, mxandar live fuq l-istazzjon nazzjonali, u li sar fil-pjazza prinċipali ta' Beltna.



Il-Ġimgħa 10 u s-Sibt 11 ta' Ottubru 2025, Is-Soċjetà Mużikali san Lawrenz tellgħet żewġ stands ta' ikel u xorb waqt il-BirguFest 2025.

Is-Sibt, 25 ta' Ottubru 2025, fis-Sala Lawrence V. Farrugia ta' Palazzo Huesca, saret it-tnedija tal-ktieb tal-Professur Taljan Dante Cerilli dwar il-kompożitur Sqalli Angelo Melilli. Matul din is-serata Mużiko-Letterarja, il-Banda Vittoriosana San Lawrenz daqqet siltiet ta' mużika mir-repertorju tas-Surmast Melilli.

**Novembru 2025**
It-Tlieta, 4 ta' Novembru 2025, Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz sellmet kif jixraq lis-Sur Giovann Pisani, eks Arkivista, eks Bandist u Bandist Propjetarju tal-Banda Vittoriosana tas-Soċjetà Mużikali San Lawrenz permezz ta' Korteo funebri Minn Triq il-Mina l-Kbira sal-Knisja Kolleġġjata ta' San Lawrenz. Waqt il-korteo saret waqfa quddiem Palazzo Huesca fejn ingħata tislima xierqa lill-persuna li ta ħafna lis-Soċjetà tagħna.
Is-Sibt, 15 ta' Novembru 2025, il-Banda Vittoriosana San Lawrenz flimkien mal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija sellmu kif jixraq lill-eks surmast tagħhom billi akkumpanjaw il-korteo funebri minn Triq Wesgħet il-Vittma tal-Gwerra, Ħal Luqa, sal-Parroċċa ta' Sant'Andrija, fejn saret il-Quddiesa presente cadavere.

Is-Sibt, 22 ta' Novembru 2025, ipparteċipajna għall-festa ta' Santa Ċeċilja fejn saret quddiesa il-Konkatidral ta' San Ġwann u wara marċ mat-toroq tal-Belt Valletta fejn irrappreżentajna lis-Soċjetà bl-istandard.

**Diċembru 2025**
Il-Ħamis, 11 ta' Diċembru 2025, il-Banda Vittoriosana San Lawrenz flimkien ma' grupp sabiħ ta' devoti ta' San Lawrenz, telqu lejn Spanja għal ġita oħra memorabbli biex jiġu fi tmiemhom il-festi fl-okkażjoni 1800 sena mit-twelid ta' San Lawrenz.

Il-Ġimgħa, 12 ta' Diċembru 2025, Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz tellgħet kunċert fil-Bażilika ta' San Lawrenz fi Huesca; il-post tat-twelid ta' Patrun tagħna. Wara l-membri tal-Kumitat flimkien mas-Sindku u l-Arċipriet iltaqgħu mas-Sindku u l-membri tal-Kunsill ta' Huesca.

Is-Sibt, 13 ta' Diċembru 2025, il-Banda Vittoriosana San Lawrenz għamlet marċ mat-toroq ta' Huesca fi Spanja.

Il-Ħadd, 14 u t-Tnejn 15 ta' Diċembru, il-ġita fi Spanja kompliet b'mod aktar informali f'Barċellona.

Is-Sibt, 20 ta' Diċembru 2025, il-Banda Vittoriosana San Lawrenz daqqet fil-Christmas Village organizzat f'Ħal Lija. Filgħaxija ttellgħet l-Ikla Grandjuża tal-Milied għall-membri u l-partitarji u ħbieb tas-Soċjetà.

It-Tlieta, 23 ta' Diċembru 2025, l-aljievi flimkien mal-bandisti tal-post tellgħu l-Christmas Concert, fejn bosta alljievi u studenti kellhom iċ-ċans juru t-talent mużikali tagħhom.

L-Erbgħa, 24 ta' Diċembru 2025, il-Banda Vittoriosana San Lawrenz akkumpanjat il-Purċissjoni tal-Bambin organizzata miċ-Ċentru tal-Katekiżmu tal-Parroċċa.

**Jannar 2026**
Is-Sibt, 10 ta' Jannar 2026, membri mill-Kumitat attendew għar-riċeviment annwali organizzat mill-Eżekuttiv tal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda, li sar fis-sede tal-Għaqda Mużikali San Leonardu f'Ħal Kirkop.

Il-Ġimgħa, 16 ta' Jannar 2026, membri mill-Kumitat attendew għaċ-Ċerimonja ta' tifkira li tfakkar lill-Vittoriosani li tilfu ħajjithom waqt it-Tieni Gwerra Dinjija. Sar it-tqegħid tal-kuruna f'isem is-Soċjetà fuq il-Monument tal-Vittmi tal-Gwerra.

Il-Ħadd, 18 ta' Jannar 2026, il-kumitat attenda għall-Pontifikal Solenni li ġab fi tmiemhom il-Festi Ċentinarji fl-okkażjoni tal-1800 sena mit-twelid ta' San Lawrenz.

**Frar 2026**
Is-Sibt,1 ta' Frar 2026, membri mill-Kumitat attendew għar-riċeviment fl-okkażjoni tal-festa ta' San Pawl fil-Belt Valletta organizzat mis- Societa Filarmonica Nazionale La Valette.

Is-Sibt 7 ta' Frar 2026, il-Banda Vittoriosana San Lawrenz, kienet mistiedna sabiex tagħmel marċ li sar fis-sede tas-Societa Filarmonica Nazionale La Valette, fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Pawl.

**Marzu 2026**
Il-Ġimgħa, 6 ta' Marzu 2026, il-President u s-Segretarju attendew għal-Laqgħa Ġenerali tal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda.

Is-Sibt, 7 ta' Marzu 2026, saret laqgħa għall-ġenituri tal-alljievi f'Palazzo Huesca.

Is-Sibt, 7 ta' u l-Ħadd 8 ta' Marzu 2026, ittellgħet wirja fil-Palazz Verdala bl-isem 'Kwareżima' fejn is-Soċjetà pparteċipat b'parti mill-istatwi tal-Ġetsemani li jintramaw fil-każin fi żmien il-Ġimgħa Mqaddsa.



Il-Ħadd 15 ta' Marzu saret il-Laqgħa Ġenerali Mista fejn ġie ppreżentat ir-Rapport Amministrattiv u dak Finanzjarju.

**April 2026**
L-Erbgħa, 1 ta' April 2026, il-Banda Vittoriosana San Lawrenz ħadet sehem fil-Purċissjoni s-Sewda bid-daqq ta' fanfarri.

Il-Ġimgħa, 3 ta' April 2026, filgħodu saret preżentazzjoni minn Dr Andrew Mercieca ta' marċ funebru lis-Soċjetà Mużikali San Lawrenz, dedikat lill-familjari mejtin kompożizzjoni ta' Mro. Etienne Spiteri.

Waranofsinhar il-Banda Vittoriosana San Lawrenz, ħadet sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, permezz ta' programm ta' marċi funebri fil-pjazza u wara akkumpanjat il-purċissjoni sad-dħul tagħha.

Il-Ħadd, 5 ta' April 2026, il-Banda Vittoriosana San Lawrenz għal darb'oħra ferħet lill-poplu bid-daqq tal-valzi u l-marċi waqt il-purċissjoni ta' Kristu Rxoxt.

Il-Ġimgħa, 24 ta' April 2026, saret l-Award Ceremony tal-Community Support Scheme mill-Malta Council for the Voluntary Sector (MCVS), fejn is-Soċjetà Mużikali San Lawrenz kisbet b'suċċess fondi li ser ikunu ta' għajnuna kbira sabiex tiġi restawrata l-bitħa ta' Palazzo Huesca.

Is-Sibt, 25 ta' April 2026, St Lawrence Band Club Vittoriosa Snooker Team ħa sehem fi skambju sportiv tasSnooker ma' Għajnsielem, Għawdex fejn ħareġ rebbieħ bliskor ta' 8–6.

**Mejju 2026**
Il-Ħamis, 7 ta' Mejju 2026, tkompla l-iskambju sportiv tas-snooker, St Lawrence Band Club Vittoriosa Snooker Team laqa' lit-tim t'Għajnsielem, Għawdex ġewwa s-Snooker Hall tal-każin tagħna. It-team reġa' ħareġ rebbieħ bl-iskor ta' 10–4.

Is-Sibt, 23 ta' Mejju 2026, bdew l-attivitajiet bi tħejjija għall-festa ta' San Lawrenz permezz ta' ikla organizzata mill-entitajiet kollha tal-festa fil-Youth Centre fl-okkażjoni tal-Ewwel Erbgħa ta' San Lawrenz.

It-Tlieta, 26 ta' Mejju 2026, sar ir-Red Gathering fl-okkażjoni tal-ftuħ tal-festi tas-San Lawrenz.



# Dawn huma t-Teżori tal-Knisja



***Minn Fr Martin Mamo OFMCap.***

Hemm djalogu interessanti bejn il-Papa Sistu II u ż-żagħżugħ levita San Lawrenz li kien djaknu tiegħu, fejn il-Papa jgħidlu: ftit ġranet oħra, u int tgħaddi mill-martirju, anzi minn mewta ħarxa.

Dak iż-żmien, il-Knisja kienet għaddejja minn persekuzzjoni kbira. Fis-sena 257, l-Imperatur Valerjanu kien ħareġ editt li bih ikkundanna għall-mewt l-isqfijiet, is-saċerdoti u d-djakni tal-Knisja, f'kelma waħda dan ried jeqred il-Knisja. Għalhekk, ftit taż-żmien wara, proprju fis-6 ta' Awwissu 258, meta l-Papa Sistu II kien qed jiċċelebra quddiesa fiċ-ċimiterju ta' San Kallistu, arrestawh flimkien ma' xi djakni tiegħu, u ftit wara, qatluh.

Wieħed minn dawn id-djakni kien Lorenzu. Minnħabba l-fatt li San Lawrenz kien l-Arċidjaknu, jiġifieri l-ewwel fost is-seba' djakni ta' Ruma, l-Imperatur ried minnu li jġiblu t-teżori tal-Knisja. U San Lawrenz talbu tlett ijiem sakemm jista' jġibhomlu kollha. Sadattant San Lawrenz qassam il-ġid lill-foqra, lill-morda, lil nies għaddejjin minn tbatija u wara tlett ijiem ħa lil dawn il-persuni kollha quddiem Valerjanu l-Imperatur.

Ir-reazzjoni kienet vjolenti. Ftit wara, qatluh b'mewta mill-aktar ħarxa billi xwewh fuq gradilja. Imma hu baqa' sal-aħħar jagħti xhieda għal Kristu. Santu Wistin jgħid fuqu: "Ħabb lil Kristu f'ħajtu, u sar jixbah lil Kristu f'mewtu". Fil-fatt, wara l-mewt tiegħu kien hemm konverżjonijiet kbar f'Ruma, marbuta mat-talb tiegħu, u twieldet devozzjoni kbira lejh mhux biss f'Ruma u mad-dinja kollha imma wkoll f'Malta speċjalment fil-Belt Vittoriosa u fir-Raħal pittoresk ta' San Lawrenz, Għawdex. San Lawrenz hu eżempju ta' dak li jsemmi Ġesù fl-Evanġelju: "Jekk il-ħabba tal-qamħ ma taqax fl-art u tmut, hi tibqa' weħidha; imma jekk tmut, tagħmel ħafna frott."

Irridu niftakru li l-ikbar teżori fil-Knisja u l-iktar għeżież huma n-nies, il-persuni, u speċjalment dawk li għaddejjin minn tbatija. Dawn huma l-patrimonju tal-Knisja. Aħna għandna dmir li nħarsu l-patrimonju artistiku u kulturali tal-Knisja, anke l-oġġetti li huma teżori. Imma rridu niftakru li l-ikbar teżori fil-Knisja u l-iktar għeżież huma n-nies, il-persuni, u speċjalment dawk li għaddejjin minn tbatija. Dawn huma l-patrimonju tal-Knisja. U dan il-Knisja ilha tagħmlu bosta snin matul l-istorja tagħha. Hija l-Knisja l-aktar istituzzjoni li taħdem u li tgħin lil bniedem batut kullimkien fid-dinja.



San Lawrenz jgħallimna li aħna wkoll imsejħin biex f'ħajjitna nagħtu xhieda għal Ġesù u nagħmlu dan bla biża'. Kultant, ikun hemm min qisu jiddieħaq b'min hu Nisrani meta fl-apert juri li jemmen tassew fil-valuri Nsara, fejn fil-fatt ma jkun jemmen xejn, u dawn issibhom anki fis-soċjetà tagħna. Hu importanti, fid-dawl ta' dan il-qaddis martri, li niftakru li jekk jien ngħix tassew ta' Nisrani, u nagħti xhieda bis-serjetà ta' ħajja Nisranija, u jkun hemm min jiddieħaq bija jew iwaqqagħni għaċ-ċajt, jew għar-redikolu, il-problema mhijiex tiegħi, imma tiegħu jew tagħha. Għalhekk dawn il-martri dejjem jagħtuna eżempju ta' kif aħna għandna nagħtu xhieda mingħajr biża'. Ma għandna għalfejn nibżgħu qatt li nistqarru lil Ġesù f'ħajjitna u dak li għallimna Ġesù kif ma beża' qatt iż-żagħżugħ Lorenzu tagħna.

IL-FESTA T-TAJBA LIL POPLU KOLLU TAL-BIRGU

# Servizzi tal-Banda 2026

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sibt 7 ta' Frar | San Pawl | Valletta |
| L-Erbgħa 1 t'April | Purċissjoni s-Sewda | Birgu |
| Il-Ġimgħa 3 t'April | Ġimgħa l-Kbira | Birgu |
| Il-Ħadd 5 t'April | Ħadd il-Għid | Birgu |
| Il-Ħadd 31 ta' Mejju | Preċett | Birgu |
| Is-Sibt 6 ta' Ġunju | Corpus | Birgu |
| Il-Ġimgħa 12 ta' Ġunju | Qalb ta' Ġesu' | Birgu |
| Is-Sibt 27 ta' Ġunju | Qalb bla tebgħa ta' Marija | Burmarrad |
| Il-Ġimgħa 3 ta' Lulju | San Pawl | Rabat |
| Il-Ħamis 23 ta' Lulju | Madonna tal-Karmnu | Żurrieq |
| Il-Ħadd 26 ta' Lulju | Kristu Re | Raħal Ġdid |
| Il-Ġimgħa 31 ta' Lulju | Marċ tal-Mota | Birgu |
| Is-Sibt 1 t'Awwissu | Festa Tfal - AM | Birgu |
| Is-Sibt 1 t'Awwissu | Quddiesa | Birgu |
| Il-Ġimgħa 7 t'Awwissu | Vittoriosa in Festa | Birgu |
| Is-Sibt 8 t'Awwissu | Antiviġilja | Birgu |
| Il-Ħadd 9 t'Awwissu | Te Deum | Birgu |
| It-Tnejn 10 t'Awwissu | Jum il-Festa | Birgu |
| It-Tlieta 11 t'Awwissu | L-Għada tal-Festa | Birgu |
| Is-Sibt 5 ta' Settembru | Marija Bambina | Xagħra, Għawdex |
| It-Tlieta 8 ta' Settembru | Marija Bambina | Isla |
| Is-Sibt 19 ta' Settembru | San Leonardu | Kirkop |
| Il-Ġimgħa 11 ta' Diċembru | Programm Milied | Birgu |
| Il-Ħamis 24 ta' Diċembru | Purċissjoni Lejlet Milied | Birgu |

# Programm mis-Soċjetà Mużikali Banda Vittoriosana San Lawrenz u tal-Festa San Lawrenz 2026 Patrun tal-Belt Vittoriosa

**Il-Ġimgħa 31 ta' Lulju – Mota tan-Novena**
**Fit-7.45pm** Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz tibda marċ mill-Pjazza tal-Belt Vittoriosa lejn il-Knisja Konventwali u Kolleġġjata fejn tilqa' l-istatwa ta' San Lawrenz fuq iz-zuntier tal-knisja bid-daqq tal-Innu Popolari ta' Lorenzo Galea. Wara tagħmel marċ tal-mota madwar it-toroq tal-Belt Vittoriosa.

**Is-Sibt 1 ta' Awwissu – Festa tat-Tfal**
**Fil-11.00am** Dimostrazzjoni bl-istatwa ta' San Lawrenz bis-sehem tal-Banda Vittoriosana San Lawrenz u tlugħ fuq il-kolonna biswit il-knisja.

**It-Tnejn 3 ta' Awwissu – Riċeviment**
**Fit-8.00pm** Riċeviment tal-Festa f'Palazzo Huesca għall-mistiedna distinti, membri u benefatturi tas-Soċjetà.

**L-Erbgħa 5 ta' Awwissu – Ikla tal-Festa**
**Fit-8.30pm** Ikla tal-Festa għand Old City Pub & Restaurant.

**Il-Ħamis 6 ta' Awwissu – Symphony of Lights**
**Fit-8.30pm** Marċ mill-Banda San Ġorġ ta' Ħal-Qormi madwar it-toroq tal-Belt Vittoriosa. Fi tmiem il-Marċ 'Symphony of Lights' u spettaklu kbir li jinkludi logħob tan-Nar. Attività organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ Palmiżi.

**Il-Ġimgħa 7 ta' Awwissu – Vittoriosa in Festa**
**Fit-8.15pm** Marċ mill-Banda Vittoriosana San Lawrenz minn Triq il-Mina l-Kbira sal-Pjazza tal-Belt Vittoriosa fejn wara tesegwixxi l-Kunċert 'Vittoriosa in Festa' bit-tema 'The Soloist' bis-sehem tas-Sassafonista Taljan Luigi Zimmitti akkumpanjat minn DJ Luca Lorenzo taħt id-direzzjoni tas-Surmast Mro. Jonathan Abela.

**Is-Sibt 8 ta' Awwissu – Antiviġilja**
**Fid-9.00pm** il-Banda Vittoriosana San Lawrenz tilqa' u takkumpanja l-istatwa ta' San Lawrenz Jaqħti d-Dawl lill-Għomja mat-toroq prinċipali tal-Belt Vittoriosa fejn għal darba oħra fis-siegħa ta' filgħodu jsir it-tlugħ tal-istatwa fuq il-kolonna.

**Fid-9.15pm** il-Filarmonika Nazzjonali 'La Valette' tal-Belt Valletta tesegwixxi Programm Mużikali fuq il-Planċier Artistiku fi Pjazza tal-Belt Vittoriosa. Wara tagħmel marċ fejn tingħaqad mal-Banda Vittoriosana San Lawrenz sabiex takkumpanja d-dimostrazzjoni bl-istatwa ta' San Lawrenz Jaqħti d-Dawl lill-Għomja.

**Il-Ħadd 9 ta' Awwissu – Lejliet il-Festa**
**Fid-9.00am** Buffet Breakfast organizzat mill-Kummissjoni Banda għall-bandisti, membri u partitarji tas-Soċjetà.

**Fl-10.30am** Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz tagħmel il-marċ tradizzjonali ta' Te Deum fost il-briju kbir tal-partitarji Palmiżi. Wara d-dħul tal-marċ għall-ħabta tas-2.30pm Red Party f'Palazzo Huesca.

**Filgħaxija** Marċi u Programmi mill-Banda San Leonardu, Kirkop u mill-Banda Żejtun Għaqda Santa Katarina V.M.

**Mill-10.00pm** 'il quddiem spettaklu tal-logħob tan-nar fil-Port il-Kbir mill-Għaqda Piroteknika 10 t'Awwissu – *La Notte di San Lorenzo*.

**It-Tnejn 10 ta' Awwissu**
**Festa Liturġika ta' San Lawrenz**
**Fit-8.30am** il-Banda Vittoriosana San Lawrenz tibda marċ minn quddiem Palazzo Huesca madwar it-toroq tal-Belt Vittoriosa f'Jum il-Għid ta' San Lawrenz. Meta l-marċ jasal fil-Pjazza jitqiegħed kuruni tar-Rand quddiem l-istatwa ta' San Lawrenz.

**Fid-9.30am** il-President u membri tas-Soċjetà Mużikali San Lawrenz jattendu għall-Konċelebrazzjoni Pontifikali tal-Festa Liturġika ta' San Lawrenz.

**Fis-7.30pm** Ħruġ tal-Purċissjoni bl-istatwa ta' San Lawrenz Patrun tal-Belt Rebbieħa.

Filgħaxija Marċi u Programmi mill-Banda Ċittadina 'King's Own' tal-Belt Valletta, il-Banda Anici ta' Ħal-Qormi u l-Banda De Paule, Raħal Ġdid. Baned mistiedna tal-Kumitat Festi Esterni San Lawrenz.

**It-Tlieta 11 ta' Awwissu – L-Għada tal-Festa**
**Bejn it-8.30pm u l-10.30pm** il-Banda Vittoriosana San Lawrenz takkumpanja l-istatwa ta' San Lawrenz Jaqħti d-Dawl lill-Għomja minn fuq il-kolonna sal-Oratorju ta' San Ġużepp.

---

## Bandisti Ġodda mal-Banda Vittoriosana San Lawrenz



*Bilwieqfa mix-xellug għal-lemin: Luke Caruana (Trumpet) u Loran Gauci (Althorn)*
*Bilqiegħda mix-xellug għal-lemin: Garison Bonnici (Għalliem tal-istrumenti tar-ramm), Mro. Jonathan Abela (Surmast Direttur), Rene Barbara (Għalliem tal-istrumenti tar-ramm), Roberta Pisani Mercieca (Għalliema tal-Kids Club)*

# Innu lil San Lawrenz tal-kompożitur Mario Cerilli

Għall-festa ad unur San Lawrenz, se jindaqq għall-ewwel l-*Innu lil San Lawrenz*, kompost fl-1958 mill-Prof. Mario Cerilli (1926–1980) ta' Supino, fil-provinċja ta' Frosinone, l-Italja. Dan ix-xogħol mużikali ġie reċentement adattat għall-banda mis-Surmast Mro. Jonathan Abela.

Għall-okkażjoni se jkunu preżenti żewġ mistiedna distinti mill-Italja. L-ewwel wieħed huwa l-Prof. Dante Cerilli, iben il-kompożitur Mario Cerilli, kritiku letterarju u mużiċist magħruf, kif ukoll ħabib u sostenitur tas-Soċjetà Mużikali San Lawrenz. Miegħu se jkun hemm il-Kav. Fabrizio Montini, membru tal-Gran Prijorat ta' Napli u Sqallija tal-Ordni Sovrana Militari ta' Malta (SMOM), li ġej minn familja dixxendenti tal-Papa San Pawlu VI u li għandha l-għeruq tagħha f'Concesio, fil-provinċja ta' Brescia. Wara l-Quddiesa Pontifikali, iż-żewġ mistiedna se jiġu milqugħa uffiċjalment mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata, filwaqt li aktar tard se jattendu għal laqgħa ta' korteżija fil-Palazz Huesca fi tmiem il-funzjonijiet reliġjużi.

Bħala parti minn dan l-avveniment, fid-9 u l-10 ta' Awwissu, fil-każin se tkun esposta r-ras oriġinali tal-istatwa ottoċenteska ta' San Lawrenz minn Supino, li salvat mill-bumbardamenti tal-1944 u li llum tirrappreżenta xhieda prezzjuża tal-patrimonju storiku u reliġjuż ta' dik il-belt Taljana. Permezz ta' din l-inizjattiva, is-Soċjetà Mużikali San Lawrenz, immexxija mill-President Dr Bjorn Callus flimkien mal-membri tal-Kumitat, qed tingħaqad maċ-ċelebrazzjonijiet li jfakkru ċ-ċentinarju mit-twelid ta' Mario Cerilli, personalità prominenti fil-qasam tal-letteratura, il-mużika u l-istudju tat-tradizzjonijiet popolari.



Cerilli kien edukatur dedikat fl-iskejjel Taljani u miet qabel iż-żmien waqt il-qadi ta' dmirijietu. Biex tinżamm ħajja l-memorja tiegħu, fl-1981 twaqqfet il-Fondazzjoni Kulturali Mario Cerilli, li flimkien mal-Fondazzjoni Giovanna Montini, it-tnejn ibbażati f'Supino, organizzat matul is-snin numru ta' attivitajiet u ċelebrazzjonijiet fl-Italja.

Din is-sena, b'kollaborazzjoni mas-Soċjetà Mużikali San Lawrenz, ġie maħsub dan il-mument simboliku li jgħaqqad żewġ komunitajiet Mediterranji; dik ta' Supino u dik tal-Birgu li t-tnejn huma marbuta flimkien minn devozzjoni profonda lejn San Lawrenz, il-Patrun tagħhom. Din l-inizjattiva tikseb ukoll tifsira speċjali minħabba l-preżenza tal-Ordni Ospidalier ta' San Ġwann, li ħalla marka qawwija kemm f'Malta kif ukoll fl-Italja. Permezz tal-ħidma tal-Kav. Montini u ta' membri oħra tal-Ordni, qed jitkompla x-xogħol ta' solidarjetà u karità favur dawk l-aktar fil-bżonn, fil-Lazio u f'diversi reġjuni oħra.





Dan l-avveniment għalhekk mhux biss se jfakkar il-wirt artistiku u mużikali ta' Mario Cerilli, iżda se jkun ukoll ċelebrazzjoni tal-ħbiberija, tal-fidi u tal-valuri komuni li jgħaqqdu żewġ popli madwar il-Mediterran taħt il-patroċinju ta' San Lawrenz.

# Frédéric Chopin

*Minn Christopher Pisani*

Ħajjitna hija mixja kontinwa mal-kalendarju tal-Knisja. Wara l-Milied u l-Ewwel tas-Sena, minnufih nibdew inħejju ruħna għar-Randan, li jwassalna għall-Għid il-Kbir, il-qofol tat-twemmin Nisrani. Wara l-Għid, jiġu l-festi Ewkaristiċi tant għal qalbna: it-Trinità Qaddisa, li fiha fil-Birgu nagħmlu l-Preċett, Corpus Christi u l-Qalb ta' Ġesù.

F'dan iż-żmien, il-Birgu jibda wkoll il-mixja tiegħu lejn it-tieni l-akbar festa tiegħu wara l-Għid il-Kbir: il-Festa tal-Patrun tal-Belt Rebbieħa, San Lawrenz ta' qalbna. Kif jgħid l-Innu lil San Lawrenz Patruntal-Belt Rebbieħa: "Il-Kuruna u l-Palma tiegħek saru parti minn din il-Belt, u għalhekk b'wegħda dejjiema, San Lawrenz, inti tagħna l-Patrun."

Il-kalendarju jkompli b'diversi festi Marjani sakemm nerġgħu naslu sal-Milied. F'dan kollu, il-Banda San Lawrenz, il-Banda tal-Parroċċa, tibqa' attiva u preżenti f'kull waħda minn dawn il-festi. Inħarsu 'l quddiem u nistennew b'ħerqa x-xahar ta' Awwissu, ix-xahar ta' Lorenzu. Għax, mix-xhur kollha, Awwissu hu l-isbaħ; Awwissu hu ta' Lorenzu! Wara l-Għid il-Kbir, il-Festa ta' San Lawrenz tibqa' l-aktar festa għal qalb il-Vittoriosani. Fl-10 ta' Awwissu, il-Birgu jieħu r-ruħ u jġedded il-wegħda tiegħu lejn il-Patrun tiegħu: li l-Birgu u San Lawrenz huma ta' xulxin, u li ħadd u xejn ma jista' jifridhom.

"Nitolbuk żomm dil-Belt qrib ta' Qalbek, għaliex f'qalbna Int dejjem se tkun!"

F'din il-ħarġa speċjali xtaqt nikteb dwar wieħed mill-aktar kompożituri importanti fix-xena mużikali, b'mod partikulari fil-perjodu klassiku-romantiku: Frédéric Chopin. Il-mużika tiegħu smajnieha kemm-il darba, anke f'films magħrufa bħalma huma *A Real Pain* u l-film mill-isbaħ *The Pianist* ta' Roman Polanski.



Frédéric François Chopin twieled fl-1 ta' Marzu 1810 f'Żelazowa Wola, villaġġ żgħir qrib Varsavja, fil-Polonja. Missieru, Nicolas, kien immigrant Franċiż, filwaqt li ommu, Justyna Krzyżanowska, dixxendenti tal-familja Skarbeks, kienet hi li b'tant għożża introduċietu fid-dinja tal-mużika.

Minn età bikrija, Chopin kien diġà meqjus bħala tifel prodigu. Ta' sitt snin kien jikkomponi biċċiet mużikali sempliċi u jdoqqhom quddiem membri tal-aristokrazija. Dawn is-serati mużikali tawh il-pjattaforma biex, fl-età ta' tmien snin, jagħti l-ewwel kunċert pubbliku tiegħu f'Varsavja. Xhieda kontemporanja tiddeskrivih bħala tifel mistħi, iżda ferm espressiv fid-daqq tal-pjanu.



Jingħad li darba, wara prestazzjoni mill-aqwa fuq il-pjanu, Chopin infexx jibki waqt iċ-ċapċip tan-nies. Meta staqsewh għaliex kien qiegħed jibki, wieġeb li beża' li darb'oħra n-nies kienu se jistennew aktar mingħandu. Dan is-sentiment baqa' miegħu tul ħajtu u kkontribwixxa biex fih jissaħħaħ sens qawwi ta' perfezzjoniżmu.

Minkejja l-ġenju naturali tiegħu, Chopin kellu bżonn il-gwida u t-tagħlim. Beda l-istudji bikrin tiegħu fuq il-pjanu mingħand ommu, u aktar tard kompla taħt Wojciech Zywny. Oħtu Ludwika wkoll tgħallmet taħt Zywny, u għalhekk mhux l-ewwel darba li t-tnejn daqqew flimkien f'duet. Aktar tard, Chopin kompla l-istudji tiegħu fil-Konservatorju ta' Varsavja taħt Józef Elsner, li għaraf il-ġenjalità mużikali tiegħu. Minflok ma llimitah għal tagħlim konvenzjonali, Elsner ħeġġu jiżviluppa l-vuċi kreattiva tiegħu u jfittex triq personali fil-kompożizzjoni. F'rapport dwar Chopin, Elsner iddeskrivieh bħala wieħed b'"abbiltà rimarkabbli u ġenju mużikali".

Fl-1830, fl-età ta' għoxrin sena, Chopin telaq mill-Polonja biex ikompli l-karriera mużikali tiegħu. Dak li beda bħala vjaġġ temporanju lejn Vjenna spiċċa f'eżilju permanenti minħabba l-ġlied li nqala' fil-Polonja kontra l-okkupazzjoni Russa. Hemm min jgħid li din is-separazzjoni minn art twelidu ħalliet marka profonda fuqu tul ħajtu kollha. Dan jidher sew fil-kompożizzjonijiet tiegħu, kemm direttament f'siltiet bħar-*Revolutionary Étude*, kif ukoll indirettament fil-mazurki u l-polonaise tiegħu, ispirati mill-folklor Pollakk. Chopin irnexxielu jittrasforma dawn l-istili popolari f'xogħlijiet mużikali sofistikati u elaborati, mimlija patrijottiżmu emozzjonali.

F'dan il-kuntest, ta' min insemmu l-*Polonaise in A-flat Major*, magħrufa bħala l-*Heroic Polonaise*. Din hija silta mill-isbaħ li tiġbor fiha s-saħħa, il-kburija u l-għeżież sentimenti nazzjonali li kienu jħaddnu l-mużika ta' Chopin.

Wara Vjenna, Chopin mar Pariġi,

belt li f'dawk is-snin kienet wieħed mill-akbar ċentri artistiċi u mużikali tal-Ewropa. Hemmhekk iltaqa' ma' ambjent vibranti ta' kompożituri, kittieba u intellettwali. Fi żmien qasir kiseb fama u rikonoxximent. Għall-kuntrarju ta' Franz Liszt, li kien jippreferi udjenzi kbar u pubbliċi, Chopin kien aktar komdu jdoqq quddiem udjenzi żgħar, influwenti u magħżula. Huwa kien jemmen li udjenza iżgħar kienet kapaċi tapprezza aħjar il-finezza u l-elaborazzjoni tal-mużika tiegħu.

Il-fama tiegħu ressqitu lejn personalitajiet magħrufa bħal Liszt, Hector Berlioz u Victor Hugo. Madankollu, il-karattru riservat tiegħu żammu 'l bogħod mill-ħajja eżuberanti u storbjuża tal-ħajja artistika Pariġina.

F'Pariġi, Chopin kien attiv ħafna. Xhieda ta' dan insibuha fil-kliem ta' Robert Schumann u tal-kritiku François-Joseph Fétis. Schumann, meta sema' l-mużika tiegħu, qal il-famuża frażi: "Sinjuri, ninżgħu l-kappell! Ġenju!" Fétis, fil-*Revue et gazette musicale*, kiteb li Chopin kien kompożitur li sab stil ġdid u li ġedded il-kompożizzjoni għall-pjanu b'ideat abbundanti u ta' kwalità rari. Sal-aħħar tal-1832, Chopin kien diġà stabbilixxa ruħu sew fost l-aristokrazija u fost l-istudenti li bdew ifittxuh għat-tagħlim mużikali.

Fl-1834, Chopin attenda festival mużikali f'Aix-la-Chapelle flimkien mal-ħabib tiegħu Ferdinand Hiller. Hemm iltaqa' ma' Felix Mendelssohn. Wara l-festival, reġgħu ltaqgħu f'Düsseldorf, fejn Mendelssohn kien direttur mużikali. Flimkien qattgħu ġranet jiddiskutu l-mużika u jdoqqu flimkien. Sena wara, Chopin mar Carlsbad, fejn iltaqa' għall-aħħar darba mal-ġenituri tiegħu u ma' xi ħbieb Pollakki. Huwa u sejjer lura Pariġi minn Leipzig, reġa' ltaqa' ma' Robert Schumann, mal-futura martu Clara Wieck, u ma' Mendelssohn.

Ma nistgħux nitkellmu dwar Chopin mingħajr ma nsemmu lil Franz Liszt, ġenju mużikali ieħor li kien jgħix, idoqq u jikkomponi fl-istess żmien. Hemm min iqiegħed lil Chopin u lil Liszt fuq l-istess livell ta' fama, għalkemm l-istil tagħhom kien differenti ħafna. It-tnejn kellhom kliem ta' tifħir lejn xulxin, iżda jidher li bejniethom kien hemm ukoll ċertu tensjoni. Kienu joqogħdu qrib xulxin u ġieli taw kunċerti flimkien, iżda Chopin kien iħoss ċerta għira lejn il-virtuożità spettakolari ta' Liszt.

Fil-fatt, Chopin iddedika numru ta' *Études* lil Liszt. Meta Liszt daqqhom, Chopin kiteb lil Hiller li xtaq "jisraq" il-mod kif Liszt kien idoqq is-siltiet tiegħu. Madankollu, fl-1843, jidher li r-relazzjoni bejniethom bdiet titħarbat. Chopin irrabja ma' Liszt minħabba l-mod kif dan daqq xi notturni tiegħu u improvizza fuqhom. Jingħad li Chopin qallu li jew idoqq dak li kien miktub, jew ma jdoqq xejn.

Jista' jkun ukoll li kien hemm raġunijiet personali wara din it-tensjoni. Marie d'Agoult, il-maħbuba ta' Liszt, kienet affaxxinata mill-kompożizzjonijiet ta' Chopin, xi ħaġa li ma tantx niżlet tajjeb ma' Liszt. Min-naħa l-oħra, Chopin beda jinnota interess qawwi minn Liszt f'George Sand, u dan ukoll seta' dejqu.

Fil-ħajja personali tiegħu, Chopin għadda minn diversi esperjenzi emozzjonali. Għalkemm qatt ma żżewweġ, kien hemm żewġ nisa li kellhom post importanti f'ħajtu. Maria Wodzińska kienet l-ewwel imħabba tiegħu, u għal xi żmien kienu anke għarajjes. Madankollu, ir-relazzjoni ma setgħetx tkompli. Meta kollox intemm, Chopin ġabar l-ittri kollha li kellu mingħand Maria, għalaqhom f'pakkett u kiteb fuqhom: "L-isfortuna".

F'Pariġi, ftit wara li ntemmet ir-relazzjoni tiegħu ma' Maria, Chopin iltaqa' ma' Amantine Lucile Aurore Dupin de Francueil, magħrufa aħjar bl-isem letterarju George Sand. Kienet personalità mhux tas-soltu għall-epoka tagħha: mara indipendenti, kittieba magħrufa u figura kontroversjali. Xi drabi kienet tilbes ilbies ta' raġel, u kienet tikteb taħt isem maskili. Fl-ittri ta' bejniethom, Chopin ġieli jindirizzaha bħala "Sinjura Sand" u ġieli bħala "George".

Flimkien għaddew ix-xitwa ta' bejn l-1838 u l-1839 f'Mallorca, żmien li fih Chopin kien diġà qed ibati minn saħħa dgħajfa. Waqt ir-relazzjoni tagħhom, Chopin kiteb numru kbir ta' kompożizzjonijiet, b'mod partikulari fis-sjuf ta' bejn l-1839 u l-1846. Madankollu, sentejn qabel mewtu, ir-relazzjoni ntemmet fuq nota qarsa. George Sand lanqas kienet preżenti għall-funeral tiegħu.

Matul l-aħħar snin ta' ħajtu, Chopin bata minn saħħa fraġli u problemi respiratorji persistenti, x'aktarx minħabba t-tuberkulożi, għalkemm xi studjużi jressqu teoriji oħra. Wara tour mużikali fl-Ingilterra u fl-Iskozja, Chopin miet fl-età żgħira ta' 39 sena, fis-17 ta' Ottubru 1849.

Fuq talba tiegħu stess, il-funeral sar fil-Knisja tal-Maddalena f'Pariġi, fejn indaqqet il-*Requiem* ta' Mozart. Għalkemm Chopin indifen fiċ-ċimiterju ta' Père-Lachaise, qalbu tneħħiet waqt l-awtopsja u oħtu Ludwika ħaditha lura l-Polonja fi flixkun tal-cognac. Illum, qalbu tinsab fil-Knisja tas-Salib Imqaddes f'Varsavja, xhieda tax-xewqa tiegħu li, b'xi mod, jerġa' lura lejn art twelidu.

Minn qalbi, nawgura l-Festa t-Tajba f'ġieħ il-Patruntagħna San Lawrenz lill-Vittoriosani kollha, kif ukoll lil dawk kollha li ta' kull sena jiġu jiċċelebraw magħna din il-festa tant għażiża u popolari. Għax, kif jgħid l-Innu, "Int in-nar li f'qalbna jħeġġeġ", u jgħaddi kemm jgħaddi żmien, San Lawrenz jibqa' dejjem f'qalbna.

San Lawrenz, int tal-Birgu u l-Birgu tiegħek. San Lawrenz, int il-ħarsien tagħna meta nduru lejk. Viva San Lawrenz!

# 85 Sena mit-Traġedja tas-16 ta' Jannar 1941

*Jikteb George Agius*

L-anniversarji għandhom importanza kbira fil-ħajja ta' kull poplu u komunità. Huma okkażjonijiet ta' tifkira li mhux biss iġegħluna nħarsu lura lejn il-ġrajjiet li sawru l-identità tagħna, iżda wkoll iżommu ħajja l-memorja ta' dawk li għaddew qabilna u li ħallew marka fil-ġrajja kollettiva tagħna. Din is-sena jaħbat il-85 anniversarju minn waħda mill-aktar traġedji koroh li laqtet lill-Belt Vittoriosa matul it-Tieni Gwerra Dinjija: it-tiġrif tas-Sagristija u tal-Awla Kapitulari tal-Knisja ta' San Lawrenz nhar is-16 ta' Jannar 1941.

**Biża' u Tħassib**

Fil-ewwel ġimgħat tal-gwerra, in-nies tal-Birgu, bħal dawk tal-ibliet l-oħra madwar il-Port il-Kbir, kienu qed jesperjenzaw inċertezza u tħassib minħabba l-attakki mill-ajru kontinwi. Għalkemm ħafna residenti kienu telqu lejn irħula aktar siguri, maż-żmien numru sostanzjali minnhom reġgħu lura lejn djarhom jew inkella bdew jgħixu fil-kenn tax-xelters imħaffrin fil-blat tal-Foss. Il-ħajja kompliet, sa fejn kien possibbli, iżda dejjem bil-biża' ta' periklu kostanti u tensjoni.

**L-Attakk fuq l-HMS Illustrious**

F'Jannar tal-1941, l-aircraft carrier Brittaniku HMS Illustrious wasal Malta għat-tiswija wara li ġarrab ħsarat kbar waqt diversi attakki. Il-preżenza tiegħu fit-Tarzna ta' Malta ġibdet l-attenzjoni tal-Luftwaffe Ġermaniża, li kienet determinata li teqirdu.

Nhar il-Ħamis 16 ta' Jannar 1941, għall-ħabta tas-1.50pm, bdew l-ewwel attakki Ġermaniżi fuq il-gżejjer Maltin. Il-ħsejjes tal-ajruplani li kienu qed iduru fil-baxx, flimkien mal-isplużjonijiet qawwija tal-bombi, ħolqu stat ta' biża' u konfużjoni fost il-popolazzjoni. Meta l-ewwel mewġa ta' attakki waqfet għal ftit, ħafna ħasbu li l-agħar kien għadda. Iżda ftit wara waslet mewġa oħra saħansitra aktar qerrieda u intensiva.





Il-Foss tal-Birgu fi żmien il-gwerra

Hekk kif is-sireni reġgħu bdew jagħtu s-sinjal li se jseħħ attakk ieħor kien fil-qrib, in-nies ġrew lejn l-eqreb postijiet ta' kenn disponibbli. Xi wħud daħlu fis-Sagristija tal-Knisja ta' San Lawrenz, post li kien meqjus bħala relattivament sigur. Ħadd ma seta' jimmaġina li dak il-post kien se jsir xena ta' katastrofi bla preċedent. F'daqqa waħda, bomba jew aktar laqtet iż-żona, u l-isplużjoni ġarrfet l-Awla Kapitulari u s-sagristija, filwaqt li għexieren ta' persuni spiċċaw mirduma taħt it-tiġrif.

**Ħidma ta' salvataġġ**

Mill-Kampnar fejn kien qed jistkenn, ħareġ il-Vigarju Kurat Dun Pawl Galea li meta mistoqsi dwar din il-ġrajja kien jgħid li ra dħaħen u trabijiet u min-naħa tal-kor beda jinstema' l-krib tan-nies mirduma, jitolbu għall-għajjut. Huwa pront ħass li kellu jagħti l-assoluzzjoni lil dawk l-imsejkna maqbudin taħt it-tiġrif. Immedjatament, hu flimkien ma' oħrajn bdew jagħmlu li jistgħu biex jippruvaw isalvaw lill-midruba. Fost l-ewwel li salvaw kienet xebba b'saqajha maqbudin taħt il-ġebel. Din instemgħet titlob lil Dun Pawl għall-għajnuna. Dan flimkien ma' oħrajn, bit-tbatija u b'sogru personali rnexxielhom jaqalgħuha minn taħt il-ġebel. Raġel ieħor milqut gravament ħarġuh minn taħt id-debris, ittieħed l-isptar fejn sfortunatament miet ftit tal-ħin wara. L-isforzi u d-diffikultajiet biex jiġu salvati n-nies ħajjin, maqbuda taħt il-ġebel kienu kbar u bi ftit suċċess, iżda tal-anqas kellhom is-sodisfazzjon joħorġu ħajja, lit-tarbija Maria Attard minn qalb id-debris.

Meta waslet l-aħbar li l-knisja ta' San Lawrenz intlaqtet, il-Viċi Dun Anton Caruana, li waqt l-attakk kien qed jistkenn għand id-Dumnikani, fejn kien qed joqgħod fl-aħħar sitt xhur, stenna l-isparar jieqaf, imbagħad telaq bil-ġiri lejn il-post tad-diżgrazzja.

Huwa ma ħasibhiex darbtejn. Daħal fil-Knisja Parrokkjali, neħħa s-sagrament mit-tabernaklu u trasportah fil-knisja tal-Lunzjata. Kienu bosta l-patrijiet Dumnikani li għat-talba ta' Dun Pawl ħaffew u niżlu jagħtu l-għajnuna tagħhom lill-midruba. Fost dawn jissemmew P.Gerard Minuti, P.Tumas Xerri u P.Angelik Attard. Il-ħidma mwettqa f'dik is-siegħa ta' ħtieġa kienet ġest nobbli li wieħed ma jistax ma jfaħħarx. Dawn il-ministri ta' Alla magħquda flimkien, ħadmu għall-ġid spiritwali u temporali tal-erwieħ. L-awtoritajiet konċernati kienu konxji li taħt it-tiġrif kien hemm mirduma numru ta' nies ħajjin jokorbu għall-għajnuna. Ħasbu biex jikkoordinaw ħidma ta' salvataġġ, iżda b'dispjaċir ikollna nistqarru li din ma kinitx daqstant organizzata. Kien għalhekk li waslu membri tal-ARP, suldati u pulizija biex ineħħu l-ġebel u jippruvaw isalvaw lil dawk mirduma. Ma kellhomx ħidma faċli. Kien hemm wisq irdim u biex tkompli tagħmilhielhom iebsa, l-attakki ma waqfu xejn. Sal-għada l-Ġimgħa, il-krib baqa' persistenti imma sfortunatament it-temp ukoll ma għenx fis-sitwazzjoni. Għamlet ix-xita u minħabba f'hekk wasal biex ċeda aktar ġebel u għamilha iżjed diffiċli li jinstabu nies ħajjin.

**Mwiet u Qerda**

Diffiċli wieħed jgħid kemm ħalliet vittmi din it-traġedja. Fil-kitbiet dwar din il-ġrajja, mhux dejjem insibu l-istess ammont ta' vittmi, iżda ċertament li kienu aktar minn tletin dawk li mietu hemm. Dan kien wieħed mill-aktar episodji koroh li qatt esperjenzaw in-nies tal-Birgu matul il-gwerra.

Barra telfa ta' diversi persuni għeżież, din it-traġedja kkawżat telf kbir ta' patrimonju reliġjuż u storiku: intilfu dokumenti prezzjużi mill-arkivji tal-Parroċċa u tal-Kolleġġjata, tkissru l-linef tal-kristall tal-Bohemja, filwaqt li l-bradella artistika ta' San Lawrenz kif ukoll il-pedestall tal-fidda tal-istatwa titulari ġarrbu ħsarat kbar. Numru ta' pitturi, statwi, apparat liturġiku, artifatti artistiċi u armar ieħor sfaw meqruda jew misruqa.

**Il-Vara Titulari**

Fost il-ħafna memorji marbuta ma' dawk il-jiem koroh insibu l-ġrajja emozzjonanti marbuta mal-vara titulari ta' San Lawrenz. Wara din it-traġedja xi devoti marru jneħħuha minn niċċa tagħha u jeħduha f'post aktar sigur fil-Birgu stess. Hekk kif kienu qed iġorruha fit-triq, xi nies waqfu jitolbu quddiemha, ifittxu faraġ u tama waqt sitwazzjoni ta' biża' u twegħir. Fil-jiem ta' wara l-vara ġiet trasferita lejn il-Monasteru tas-Sorijiet Benedittini fl-Imdina sabiex tiġi protetta mill-periklu.




*Is-Sagristija u l-Awla Kapitulari mġarrfa*

**Konklużjoni**

Minkejja t-telf ta' ħajjiet u l-qerda kbira li sofriet, il-komunità Vittoriosana matul is-snin tal-gwerra ma qatgħetx qalbha. Għall-kuntrarju, minn fost it-tifrik u l-biża' ta' dawk il-jiem mudlama, sabet is-saħħa u r-rieda li terġa' tqum fuq saqajha. Bil-ħidma ta' ħafna, il-Birgu beda bil-mod il-mod jerġa' jieħu l-ħajja, inbena mill-ġdid dak li ġġarraf u dak salvat ġie rrestawrat.

Dan l-ispirtu ta' reżiljenza u għaqda baqa' jservi bħala xhieda ħajja tal-qawwa ta' komunità li, anke fl-aktar mumenti diffiċli, ma tilfetx it-tama. Illum, meta nfakkru dawn il-ġrajjiet, mhux biss nagħtu ġieħ lill-vittmi, iżda wkoll lill-ġenerazzjonijiet li b'ħidma, fidi u determinazzjoni għażlu li jippreservaw il-wirt storiku u spiritwali ta' din il-Belt Glorjuża.

**Biblijografija**

George Agius, **San Lawrenz** Maħbub u meqjum fi żmien il-gwerra, 2019.



*Il-Vara titulari ta' San Lawrenz fin-niċċa l-antika*



*Dun Pawl Galea*



*Maria Attard*

# Wiċċ Imbwiċċ ma' Christian Sammut

*minn Paul Micallef*

Għall-edizzjoni ta' din id-darba m'għandix persuna anzjana li għandha xi storja twila x'taqsam, jew membru tal-kumitat jew ta' xi kummissjoni, iżda għandi żagħżugħ li, minkejja li mhuwiex membru ta' ebda kumitat, hu dejjem lest jagħti daqqa t'id fejn ikun hemm bżonn. Hu żagħżugħ li dejjem ikun disponibbli biex jgħin, minkejja li issa m'għadux joqgħod il-Birgu u lanqas isuq; għalhekk, biex jiġi Beltna jkollu jaqbad il-karozza tal-linja darbtejn, 'l hawn u 'l hinn.

Dan hu s-simpatiku **Christian Sammut**, li permezz tad-diskursata li għamilna flimkien se nsiru nafuh ferm aktar mill-qrib.

Mela, għalina...
Lil Christian ċempiltlu sabiex niltaqgħu għal din l-intervista u mill-ewwel ftiehemna. Qbadtu waqt li kien qed jgħin lil sħabu jagħmlu ċ-ċimi tal-pavaljuni fejn narmaw il-kolonna l-kbira. Iltqajna fil-Youth Centre għal din il-laqgħa, u dan hu dak li ħareġ minnha...

**Familja**
Christian twieled fl-Isptar Mater Dei fil-21 ta' Novembru 2007. Tgħammed fil-Parroċċa ta' San Lawrenz, bil-parrinu tiegħu jkun zijuh Gerald Micallef. Meta staqsejtu għaliex issemma Christian, wieġeb li mhux għal xi ħadd partikolari, iżda għal Kristu. Heh, interessanti din, hux?

Ommu hi Josephine, xebba Micallef, u hu, flimkien ma' oħtu Mariah, kienu joqogħdu ma' nanntu Carmen, xebba Mifsud, fi Triq San Lawrenz, fix-xatt tal-Birgu, li ma kinitx 'il bogħod ħafna mill-knisja. Nistgħu ngħidu li d-dar tagħhom kienet fuq l-istess bankina tal-parroċċa.

Carmen kienet il-mara ta' Joe Micallef, li kien ukoll voluntier attiv ħafna fil-knisja u għalliem f'diversi skejjel.

Christian għamel żmien abbati u, bħal subien oħra ta' età tiegħu, kien jattendi l-Museum fil-qasam tal-Birgu. Għamel il-Preċett u l-Griżma fil-Birgu stess.

**Xogħol**
Wara l-iskola, l-ewwel xogħol tiegħu kien wieħed tas-sajf bħala waiter f'ristorant fil-Birgu stess. Wara daħal jaħdem fl-amministrazzjoni ma' kumpanija rinomata bħala **assistant secretary**.



Fil-fatt, xogħlu hu li jdaħħal l-invoices u ċ-chits marbuta mal-linja tax-xogħol tal-kumpanija fis-sistema. Għadu jaħdem sal-lum ma' din il-kumpanija u qalli li xogħlu jogħġbu ħafna, anki għax wieħed mill-impjegati li hu jaħdem miegħu huwa persuna mill-Birgu mdaħħla sew fil-festa tagħna.

**Tfulija**
Meta staqsejtu dwar tfulitu u b'liema logħob kien jilgħab, wieġeb li dejjem kien jilgħab b'affarijiet marbuta mal-knisja u mal-festa. Anki bħala ħbieb dejjem kellu lil dawk involuti fil-festa.

Hekk, id-dar kien jarma l-kurituri bil-pavaljuni, idoqq il-marċi fuq il-mobile u jdawwar mad-dar kollha statwa żgħira ta' San Lawrenz li kienet tathielu mara jisimha Marthese, u li għadha għandu sal-lum.

Hekk kif beda jirrakkuntali kif kien jilgħab meta kien tfajjel, reġa' ġabli memorji sbieħ tal-logħob simili u tal-ħolm u l-fantasija li kien ikolli jien dwar il-festa... u forsi, minkejja l-età, għad għandi!

**Ġimgħa l-Kbira u l-Irxoxt**
Il-Ġimgħa l-Kbira jħobbha, għalkemm il-marċi funebri mhumiex il-favoriti tiegħu. Fil-passat anki refa' xi statwa, fosthom il-Veronika. Wara libes bħala persunaġġ u bħalissa qed jilbes il-libsa l-ġdida tal-persunaġġ ta' Ġożwè.

Bħal żgħażagħ oħra, ġieli ġera bl-istatwa tal-Irxoxt f'Ħadd il-Għid.

**Karnival**
Christian iħobb ukoll il-Karnival u, billi oħtu kienet żeffiena ma' wieħed mill-gruppi, ma setax jonqos li jmur jgħinhom fil-jiem tal-bluha.

U propju hawnhekk għamel praspura. Dan il-grupp kien jilbes u jagħmel il-make-up f'kamra taħt il-knisja parrokkjali ddedikata lil San Publiju fil-Furjana. Darba, meta daħlu, kien hemm id-dlam u Christian prova jixgħel id-dawl. Beda jipprova s-swiċċijiet li kellu quddiemu u fl-aħħar irnexxielu jsib dak it-tajjeb.

Però, ftit tal-ħin wara, tfaċċa l-Arċipriet tal-Furjana u staqsa min xegħel id-dawl. Christian wieġeb li kien hu,

u l-Arċipriet qallu li bi żball kien xegħel ukoll id-dawl tal-faċċata tal-parroċċa li kienet tagħti fuq il-fossos!

**Għajnuna lil għaqdiet Lawrenzjani u lil għaqdiet oħra**

Fis-sena 2023 hu mhux biss beda joħroġ jgħin fl-armar u ż-żarmar tal-festa, iżda anki jmur il-maħżen ta' San Filippu biex ixellel il-pavaljuni u l-bandalori, jew il-maħżen l-ieħor tal-Karmnu biex jiżbogħ xi antarjola. Insomma, jagħmel dak kollu li jkun meħtieġ.

U hawnhekk skopra l-missjoni tiegħu fil-komunità: li ma jibqax marbut ma' sezzjoni waħda biss, iżda li, b'qalb ġeneruża liema bħalha, jgħin lil kull għaqda li jkollha bżonnu. Hekk hu jgħin lil kulħadd fl-attivitajiet tal-każin tal-banda, tal-knisja, tan-nar, tal-festa, taż-żgħażagħ u anki tar-regatta, fejn ġieli jaħsel xi dgħajsa. Dan ix-xogħol volontarju kollu jagħmlu b'impenn u dedikazzjoni, mhux għax huwa d-dover tiegħu jew għax qiegħed f'xi kumitat partikolari, bħalma jiġri f'każijiet oħra.

**Każin tal-Banda**

Apparti kif diġà spjegajt li Christian jgħin fl-attivitajiet, hu wkoll bandist. Kien fis-sena 2017 meta beda jitgħallem it-trumbetta taħt is-surmast Jonathan Abela. Daqq għall-ewwel darba fil-festa ta' San Filep f'Ħaż-Żebbuġ sentejn wara, fis-sena 2019. Meta staqsejtu għaliex għażel proprju t-trumbetta, wieġeb li minn dejjem kien jinteressah dak l-istrument.

**Tal-Pietà**

Sa minn April tas-sena l-oħra, 2025, wara l-mewt tan-nanna, il-familja Sammut, flimkien mal-pets tagħhom; il-kelb tar-razza Chihuahua mħallat mat-tip Teacup, bl-isem litteralment "ħelu" ta' Cookie, kif ukoll xi għasafar, marru joqogħdu f'dar f'Tal-Pietà, mhux wisq 'il bogħod mill-Isptar San Luqa.

Għalkemm din is-sitwazzjoni ġdida setgħet taqta' qalb Christian milli jkompli bil-ħidma fejjieda tiegħu, speċjalment minħabba l-fatt li għadu ma jsuqx, dan l-intopp ma waqqfux. Għadu jinżel prattikament kuljum il-Birgu biex jara lil min jista' jgħin.

**Preferenzi**

Bħalma nagħmel ma' kulħadd, staqsejt lil Christian dwar dak li jħobb. Qalli li, bħala mużika, iħobb il-marċi. Bħala films, jħobb dawk tal-biża', tal-azzjoni, ibbażati fuq stejjer veri u dawk komiċi, filwaqt li jqis lil *Titanic* bħala l-film favorit tiegħu.

Bħala ikel iħobb il-pizza Margherita, u bħala kulur l-aħdar. Christian iħobb ukoll l-ajruplani u għandu kollezzjoni mdaqqsa ta' mudelli tagħhom, bl-Airbus tiħu l-ewwel post fil-preferenzi tiegħu.

Għalkemm qatt ma lagħab il-futbol, iħobb jarah. F'Malta, apparti l-Birgu bħala tim tal-Premier, iżomm mal-Ħamrun Spartans. Bħala tim barrani jżomm ma' Juventus... miskin!

**Safar**

Hu jħobb jimraħ barra minn xtutna u siefer diversi drabi, l-aktar f'mawriet organizzati minn entitajiet tal-festa bħaż-żgħażagħ u tan-nar. Il-postijiet li żar jinkludu l-Italja, Sqallija, Viareggio għall-Karnival, Budapest u anki Spanja meta morna Huesca mal-banda. F'xi wħud minn dawn il-mawriet kont preżenti wkoll jien.





Issa x-xewqa tiegħu hija li jżur l-Istati Uniti, fejn illum sar aktar faċli li wieħed jasal direttament permezz tal-linja Amerikana Delta, li bdiet it-titjiriet tagħha lejn Malta dan l-aħħar.

**Xewqa għadha mhux mitmuma**
Għalkemm, kif diġà rajna, refa' fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira u anki fl-istatwa ta' San Ġużepp, ix-xewqa tiegħu hija li jerfa' fl-istatwa ta' San Lawrenz. Naħseb li hija xewqa li faċilment tista' tiġi milqugħa. Min hu responsabbli... *please note!*

**Festa ta' San Lawrenz**
Bla dubju, il-qofol tal-ħidma ta' Christian huwa l-festa ta' San Lawrenz, speċjalment waqt l-armar, partikolarment tal-kolonni u tad-drapp.

Bħala ġurnata, jippreferi l-10 ta' Awwissu u warajha l-Antivigilja.

Waqt il-festa tas-sena l-oħra, sħabu għamlulu ċajta ħelwa. Peress li kien intalab ikollu kamera mwaħħla ma' sidru waqt il-marċ għall-programm televiżiv popolari fuq One TV, *Festa Festun*, xi ħadd ċempillu għall-ħabta tat-3.00 a.m. u akkużah li kien qiegħed jiffilmja lin-nisa.

Insomma, ċajta li Christian aċċettaha mill-ewwel hekk kif induna x'kien ġara, għalkemm sal-lum għadu ma jafx min kien dak l-imbierek!

Billi, kif għidna, ma joqgħodx il-Birgu, biex ikun jista' jqum kmieni għall-attivitajiet tal-festa, fil-ġranet tal-festa jorqod fis-sala tal-parroċċa.

**Fehmiet**
Kif nagħmel is-soltu, staqsejtu l-opinjoni tiegħu dwar tliet suġġetti: il-Birgu, il-festa u l-każin.

**Il-Birgu**
Għal Christian, il-Birgu huwa post uniku għax huwa mimli storja, li wasslitu wkoll biex jingħata l-isem li jixraqlu: Vittoriosa.

Min-naħa l-oħra, jemmen li l-Birgu diġà qed jiffaċċja, u se jiffaċċja aktar fil-futur, sfida demografika. Il-Maltin qed jonqsu u qed jieħdu posthom barranin li, f'ċerti każijiet, ma jintegrawx ruħhom fil-komunità u ma jħaddnux it-tradizzjonijiet tagħna.

**Festa ta' San Lawrenz**
Għal Christian, il-festa ta' San Lawrenz għandha ħafna armar antik u sabiħ. Jispikka b'mod partikolari l-fatt li l-istatwa titulari hija mlibbsa b'ilbies veru.

Hu jemmen li l-futur tal-festa jiddependi fuq iż-żgħażagħ tal-lum, li għandhom ikunu l-garanzija tal-kontinwità tagħha.

**Is-Soċjetà tagħna**
Christian wieġeb li l-każin sejjer tajjeb ħafna u li l-banda hija popolari ħafna mal-Maltin, tant li għandha numru sabiħ ta' servizzi f'diversi lokalitajiet matul is-sena kollha.

**Xempju ideali**
Naħseb li Christian għandu jkun ix-xempju ideali, forsi wkoll kemxejn utopiku, ta' kif għandu jkun voluntier: b'qalb ġeneruża, bla ebda limitu jew kundizzjoni.

Hija sitwazzjoni diffiċli u rari, iżda ma nistgħux ma nammirawx lil dan iż-żagħżugħ għall-ħidma kontinwa tiegħu.

**Twissija**
Min-naħa tagħna rridu noqogħdu attenti li, minħabba raġunijiet bħal kummenti vojta u żejda, ma nbarrux nies bħal Christian.

Sfortunatament, fil-passat, f'kull għaqda kien hemm persuni ta' età żgħira u mimlijin entużjażmu li bdew jersqu lejn l-imħażen biex jgħinu. Iżda, minflok sabu għajnuna u ambjent li jilqgħek, minħabba l-kesħa u l-attitudni ta' xi wħud li ma jirrealizzawx il-ħsara li jistgħu jagħmlu, tbiegħdu nies bħal dawn.

Mhux kulħadd għandu karattru sod li jirreżisti ċerti affarijiet, u ħafna drabi l-unika soluzzjoni tkun li wieħed idaħħal rasu bejn spallejh u ma jersaqx aktar. Wara kollox, dan kollu huwa xogħol volontarju.

Żgur li jien u intom għandna ċirkustanzi u persuni speċifiċi f'moħħna li jsostnu dan l-argument.

Għalhekk, noqogħdu ferm attenti biex niġbdu aktar nies bħal Christian lejna; anzi, ninkuraġġuhom u ngħinuhom kemm nistgħu, għax il-volontarjat sar wieħed mill-aktar elementi skarsi f'dawn l-attivitajiet, fosthom il-festa u dak kollu li huwa marbut magħha.

**Għeluq**
Fl-aħħar nett, għandna nkunu rikonoxxenti għal nies bħal Christian u nroddulu ħajr għax-xogħol li jagħmel. Kienet idea tajba li din il-persuna ġiet issuġġerita lili sabiex nintervistaha għal din in-newsletter, għax żgur jista' joħroġ ħafna ġid meta nsiru nafu aktar it-tjubija ta' persuni bħal dawn.

Christian għandu jkun ta' inkuraġġiment u xprun għal żgħażagħ oħra bħalu.

**Grazzi, Christian. Keep it up, u qatt taqta' qalbek!**



VASSALLO MARBLE AND GRANITE
'ARZELLA', TRIQ L-1 TA' JANNAR 1626, ĦAL GĦAXAQ
M: 7920 4366 / 9949 2601 WWW.VASSALLOMARBLE.COM

MIFSUD GARAGE LTD.

IRONMONGERY

Għal dak kollu li wieħed ikollu bżonn għad-dar

*56, La Vallette Street, Vittoriosa*

*Tel: 2180 7535*




OUTSTANDING VALUE ✦ WIDE SELECTION ✦ EXCEPTIONAL SERVICE

OPENING HOURS
Monday to Saturday 9 a.m to 7 p.m

Hansa Wines & Spirits Ltd.
29, Barnaba Street, Bugibba SPB1312 Malta

T: +356 2158 1111
E: info@hansa.com.mt

HansaMalta
hansa_malta



BOV PERSONAL LOANS

THE CHOICE
IS ALWAYS YOURS

All loans are subject to normal bank lending criteria and final approval from the Bank. The term of the loan must not go beyond retirement age.

More information is available from **www.bov.com** or contact **2131 2020**.

Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130

Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta).




SOĊJETÀ MUŻIKALI SAN LAWRENZ
BELT VITTORIOSA
A.D. 1883